2026/1438

13.7.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/1438

tal-10 ta' Lulju 2026

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 [1].

(2) Fit-28 ta' Lulju 2023, fid-dawl tas-sitwazzjoni politika, ekonomika, umanitarja u ta' sigurtà li qed tkompli tiddeterjora fil-Haiti, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1574 [2], li emendat id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 u stabbiliet qafas ġdid ta' miżuri restrittivi addizzjonali.

(3) Abbażi ta' rieżami tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 2a(1) u l-Artikolu 3a(1) u (2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319, u fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fil-Haiti, jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġġeddu sad-29 ta' Lulju 2027.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319, id-data "29 ta' Lulju 2026" hija sostitwita bid-data "29 ta' Lulju 2027".

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

S. HARRIS

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2319 tal-25 ta' Novembru 2022 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti (ĠU L 307, 28.11.2022, p. 135, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2022/2319/oj).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1574 tat-28 ta' Lulju 2023 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti (ĠU L 192, 31.7.2023, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1574/oj).